A.L. 122 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2006 jew wara.

Emenda għall-ordinament 5 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Il-Bord tad-Dħul, li jagixxi fuq il-parir tal-Bord ta' l-Istudji kkonċernat, jista' jaċċetta applikanti li jkollhom Diploma in Health Science fit-tieni jew fit-tielet sena tal-Kors bl-istess qasam ta' studju bħal dak meħud fid-Diploma tagħhom, skond il-provvedimenti tar-regolamenti 8.1 jew 8.1.1 tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università."